CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 45

It-Tlieta, 15 ta' Novembru 2016

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fi 3pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Camille Scerri – Kunsilliera
Mary Ann Sultana- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jane Attard – Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa.

**·5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

45.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija ta' Jane Attard u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

45.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tnejn u Għoxrin u Tlieta u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

45.2.2 Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**45.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

45.3.1 Is- Sindku talab lis- SE biex jibda bil-proċess ta' tizjin tal-Milied ġewwa l-Mdina. Huwa talab ukoll li nippruvaw insibu alternattiva għas-siġra tal-milied forsi tinkera jew tinxtara mill-Kunsill għaliex kull sena il-Kunsill jonfoq € 500 għal din is-siġra ħajja u finanzjarjament ma jiflaħx għalieh.

45.3.2 Is- Sindku talab lis- SE biex iġib tlett kwotazzjonijiet minn restaurants ġewwa l-Mdina minħabba l-ikla annwali tar-residenti li ser nhar it- 28 ta' Diċembru 2016

45.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li rċivejna rapport mingħand id- Dipartiment tal-Gvern Lokali li sar mill- MInisteru għat-Trasport u Infrastruttura, li lċ-ċinta tal-konkos li hemm mal-gnub ta' din it-triq, bejn il-pont u l-Istazzjon u n-naħa l-oħra tal-pont u Triq il-Maltin Internati u Eziljati(by-pass) mhix fi stat strutturali tajjeb u hemm periklu serju għal kull min juza din it-triq.

Bhala mizura temporanja tpoġġa hoarding f'partijiet ta' din it-triq. Huma qed jitolbu li la darba r-responsabbilta' taqa' taħt il-Kunsill ta' L-Mdina, dawn ix-xogħolijiet iridu jsiru mill-Kunsill ta' L-Mdina bil-fondi tal-Kunsill Lokali.

Aħna min naħa tagħna infurmajna lid- DLG li skond il-konfini tal-lokalitajiet, jidher ċar li r-responsabbilta' ta' din it-triq hija maqsuma bejn il-lokalitajiet tar- Rabat, Mdina u Mtarfa, fis-sens li naħa minnhom (naħa ta fejn hemm Stazzjon Restaurant) taqa taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill ta' l- Mdina skond it-termini tal-kelma 'triq' mfissra fl-istess att fejn wieħed jkompli izid li l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha.

Il-naħa l-oħra tat-triq, il-konfini juru biċ-ċar li r-responsabbilta' qeda taqa' taħt il-Kunsill ta' l-Imtarfa u r-Rabat.

Għaldaqstant il-mapep misjuba fit-tieni att qed juru anomalija u għalhekk bħala Kunsill ta' L-Mdina qed nitolbu li jiġu ċċarati l-affarijiet qabel ma wieħed jitfa' r-

reponsabbilta' kollha fuq il-Kunsill ta' l-Mdina.

45.3.4 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li kellu komunikazzjoni mis- Sur Ray Farrugia mid-Dipartiment tax- Xogħolijiet u Infrastruttura fejn infurmah li dalwaqt ser jiġi ffirmat kuntratt ġdid għal manutenzjoni tad-dwal ġewwa l-Mdina.

45.3.5 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li s- Segretarju Ezekuttiv għamel talba formali ma' l-Awtorita tat-Turizmu biex jerġa jiġi mġedded il-kuntratt għal-manutenzjoni ta' Howard Gardens għas-sentejn li ġejjin. Dan huwa ta' għajnuna biex ikopri parti mill-ispejjez kbar li jintefqu fuq dan il-ġnien.

45.3.6 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-mawra li kellha ssir ġewwa Antridoco (Rieti) biex jiġi ffirmat ftehim ta' *twinning* nhar it- 30 ta' Jannar 2017 kellha tiġi posposta għas- 17 ta' Ġunju 2017 minħabba raġunijiet loġistiċi min naħa tat-taljani.

## 45.4 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

45.4.1 Il-Viċi Sindku talab li pots ġewwa l-Mdina fejn qed joħolqu ostaklu fuq il-bankina jiġu riallokati x'imkien ieħor. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta

45.4.2 Il-Viċi Sindku talab jekk tistax tinfetaħ il-gate tat-taraġ li jagħti għad-ditch. Is- Segretarju ser jikteb lil Perit Mireille Fsadni b'din it-talba.

45.4.3 Il-Kunsiiliera Maryann Sultana staqsiet dwar il-possibilita' li jsir trimming tal-hedges kif ukoll jizdiedu xi oħrajn fejn m'hemx ġewwa Howard Gardens. Is- Sergretarju ser ikellem lil kuntrattur dwar il-possibilita' li dawn jizdiedu.

45.4.4 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi dwar l-iffirmar tal-Kuntratt l-ġdid ta' Casino Notabile mad-Dipartiment tal-Lands. Is- Sindku wieġeb li għalkemm għaddew izjed minn erba' xhur mill-laqgħa mad-Direttur, il-kunsill għadu jistenna komunikazzjoni min-naħa tal-Lands. Il-Kunsill kemm il-darba bgħat reminders lid-Dipartiment imma bqajna mingħajr risposta.

Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-Kamra rapprt finanzjarju għat-tlett xhur minn Jannar sa Marzu 2016 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 45.5 Rapporti

45.5.1 Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-Kamra rapprt finanzjarju għat-tlett xhur minn Jannar sa Marzu 2016 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

45.5.2 Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda lista ta' kredituri u debituri li tagħhom għaddew bosta snin min fuqhom fejn ma hemx ċans li dawn jiġu rkuprati. Huwa talab li jsir provisioni fil-kotba finanzjarji tal-Kunsill u jinqatgħu. Il-Kunsill approva unanimament.

**45.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

45.6.1 Is- Sindku talab li bħala Kunsill għadna niktbu lill- Ministru l- Onorevoli Owen Bonnici li huwa responsabbli mill-Kultura rigward il-possibilita' li hekk kif għaddew izjed min għaxar snin min mindu sar il-pavimentar ta' l-Mdina, wasal iz-zmien li jsir manutenzjoni tiegħu. Is- Sindku jidhirlu li kemm fil-Belt Valletta u l-lokalita' tal-Birgu dan it-tip ta' manurenzjoni sar mill-Gvern Ċentrali.

45.6.2 Is- Segretarju Ezekuttiv ressaq talba mill- Universita ta' Malta biex jiġi ffirmat ftehim mal- MTA kif ukoll mal-Kunsill rigward l-*information kiosk* li hemm ġewwa Torre Dello Standardo b'rabta mal-Proġett Heland b'fondi mill- EU. Il-Kunsill qed jirrisolvi ruħu li ma jiffirma ebda tip ta' ftehim imma minn naħa l-oħra ser ikompli ma jsibx oġġezzjoni li dawn il-kiosks jibqgħu esebiti fil-propjeta tal-Kunsill mingħajr ma jkun responsabbli tagħhom.

**45.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

45.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib iddata tal-15 ta' Novembru 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 18,571.25.

45.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsilliera Maryann Sultana Debono li kien issekondat mill-Kunsilliera Camille Scerri. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l- ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**45.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

45.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 15 ta' Diċembru 2016 fit-3pm

______IFFIRMATA________
Peter Sant Manduca
Sindku

____IFFIRMATA________
Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data: 15-12-2016_______